MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 186/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Nicolas Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Nicolas Gauci, iben Michael u Mary Elizabeth nee Vella, imwieled Pieta nhar il-11 ta’ Dicembru 1979, residenti 20, Triq il-Fejgel, Rabat (Malta), detentur tal-Karta ta’ l-Identita 564179 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-26 ta’ Gunju 2007 u matul it-tlett xhur qabel din id-data:

kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Lgi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Dwar il-fatti, ma hemmx verament kontestazzjoni bejn il-partijiet:

1. Fis-26 ta' Gunju 2007, id-Drug Squad dahhlitilhom informazzjoni li kien ser isir xi *deal* ta' droga fl-inhawi ta' Hal-Lija. Pulizija mar fuq il-post, fejn innota Pajero bajda kif ukoll Honda Civic bajda f'dawk l-inhawi. Iz-zewg karozzi infirdu, u l-Pulizija segwa l-Honda Civic, sakemm waslu iktar Pulizija li segwew il-karozza l-ohra.

2. Il-Pulizija segwew il-Honda Civic sa l-Imtarfa, fejn giet imwaqqfa mill-Pulizija. Il-persuna li kienet qieghda issuq il-Honda Civic kien l-imputat u kien wahdu. Minn tfittxija fil-karozza instabet blokka tal-cannabis resin – dik li tissejjah "sapuna".

3. Saret ukoll tfittxija fir-residenza ta' l-imputat fejn instabu diversi affarijiet relatati ma' l-uzu tal-cannabis bhal pipi, kwantita kbira ta' lighters u karti tal-brim.

4. L-imputat ghazel li jaghmel stqarrija guramentata, fejn qal li huwa kien jahdem mal-Group 4, imma ta n-notice u kien se jieqaf l-ghada. Huwa xehed li kien ilu xi tlett xhur ipejjep il-haxixa u li kien ipejjep bejn hdax u tnax-il joint kuljum.

5. Fl-istqarrija guramentata, l-imputat ammetta li kien iltaqa' mas-sewwieq tal-Pajero, li huwa maghruf bhala "il-Mundu", go Hal-Lija u li kien xtara is-sapuna tal-cannabis. Il-prezz miftiehem kien ta' tlett mija hamsa u hamsin Euro (€355.00). Pero l-imputat ma hallsux taghha, ghax il-ftehim mal-Mundu kien li l-imputat jhallsu wara u *"ma kienx hemm ghagla."*[1]

6. Mill-analizi xjentifika irrizulta illi l-blokka tal-cannabis li instabet ghand l-imputat kienet tizen 244 grammi u l-purita kienet ta' cirka 11%.

## Il-Meritu

Il-punt in kontestazzjoni f'dawn il-proceduri huwa jekk il-blokka tal-cannabis li instabet ghand l-imputat kienitx intiza esklussivament ghall-uzu personali tieghu, kif xehed fl-istqarrija guramentata tieghu, jew le. Ghalhekk mhux kontestat il-pussess semplici, imma biss il-pussess aggravat.

Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[2] fis-sentenza **Pulizija v. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li*

[1] Ara xhieda a fol 18 tal-Process Verbal tax-xhieda guramentata ta' l-imputat a fol. 32 tal-process.
[2] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono

*tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *(26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali:* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *(2.9.1999).*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant. ... ... (App. Krim.* ***Pulizija vs. Brian Caruana*** *[23.5.2002])*.

Fix-xhieda guramentata tieghu, l-imputat jghid li kien ilu xi tlett xhur ipejjep il-haxixa u li kien ipejjep bejn hdax u tnax-il joint kuljum. Il-prosekuzzjoni qed isserrah il-kaz taghha ta' pussess aggravat principalment fuq il-kwantita ta' resina cannabis misjuba (sapuna shiha ta' 244 grammi) u fuq il-fatt li skont hi, bniedem li ilu ipejjep il-haxixa ftit xhur ma jasalx biex ipejjep tnax-il joint kuljum.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm fl-istqarrija guramentata tieghu l-imputat qal li kien ilu xi tlett xhur ipejjep il-haxixa,[3] mis-social inquiry report jirrizulta li fil-fatt l-imputat kien ilu hames (5) snin ipejjep. Dan ghaliex fis-social inquiry report, il-probation officer tghid hekk: *"Nicholas Gauci*

[3] Ara fol. 10 tal- process verbal ta' l-istqarrija guramentata ta' l-imputat a fol. 32 tal-process.

*jghid li hu beda jesperimenta bil-kannabis meta kellu madwar 23 sena."*[4] Huwa inqabad mill-Pulizija bis-sapuna tal-cannabis in kwistjoni meta kellu 28 sena.[5] Ghalhekk jirrizulta li fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputat ma kienx veritier.

Kif inhuwa risaput f'dan il-qasam sabiex isir joint tal-cannabis ghandek bzonn ftit milligrammi ta' resina. Ghalhekk minn semplici kalkolu matematiku jista' jinghad li bis-sapuna ta' 244 grammi li xtara, l-imputat seta' jaghmel mijiet ta' joints. Fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputat xehed li huwa kien ipejjep bejn 11 u 12-il joint kuljum,[6] fil-waqt li lill-probation officer qalilha li kien ipejjep sahhansitra 15-il joint kuljum.[7] Dawn l-asserzjonijiet mhumiex kredibbli, ghax jekk wiehed jikkonsidra li l-imputat kien jahdem - u wiehed jista' jassumi ghal ragunijiet ovvji li ma kienx jikkonsma d-droga fuq il-post tax-xoghol - u bhal kull bniedem iehor kellu bzonn il-hin tal-mistrieh tieghu, m'huwiex verosimili li fis-sighat l-ohra li jkun jifdal mill-gurnata, l-imputat kien jirnexxielu jaghmel u jpejjep 15-il joint.

Fis-social inquiry report jinghad hekk: *"Meta gara l-kaz in kwistjoni hu kien impjegat bhala security officer mal-Group 4 ghal madwar tminn xhur. Jghid li hu kellu impjieg tajjeb kif ukoll paga tajba, ghalhekk ma kellux bzonn li jbiegh id-droga kif gie akkuzat mill-Pulizija."*[8] Dawn l-asserzjonijiet huma kontradetti minn diversi asserzjonijiet ohra u fatti. Fl-ewwel lok, iktar qabel fl-istess social inquiry report jinghad li l-imputat *"jghid ukoll li hu dejjem ikollu impjieg, izda sfortunatament il-flus li kien jaqla kien jonfoqhom fil-kannabis."*[9] Dan iffisser li l-imputat ma kienx ifaddal flus, ghax il-flus li kien ikollu kien jonfoqhom fid-droga. Fit-tieni lok, fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputat jghid *"kont nahdem mal-Group 4 imma tajtu n-notice u se*

---

4 Ara fol. 94 tal-process.
5 Ara t-tahrika tal-pulizija a fol. 1 tal-process.
6 Ara fol. 10 tal- process verbal ta' l-istqarrija guramentata ta' l-imputat a fol. 32 tal-process.
7 Ara fol. 94 tal-process.
8 Ara fol. 94 tal-process.
9 Ara fol. 94 tal-process.

*nieqaf ghada.”*[10] Dan jirrizulta mir-rekord ta’ l-impieg ta’ l-imputat li juri li hu temm l-impieg tieghu mal-Group 4 fit-28 ta’ Gunju 2007 – cioe jumejn wara li nqabad bid-droga – u rega impjega ruhu fl-20 ta’ Awissu 2007.[11] Ghalhekk meta xtara d-droga in kwistjoni, l-imputat kien jaf li fi ftit sieghat ohra kien se jigi qieghed u ma jirrizultax li kellu xi indikazzjoni meta seta’ isib xoghol.

Mill-istqarrija guramentata jirrizulta wkoll li l-prezz miftiehem tar-rezina li xtara kien ta’ €355[12], izda il-ftehim mal-Mundu kien li l-imputat ma jhallas xejn mal-konsenja, u li jhallas wara, u *“ma kienx hemm ghaggla”* biex jhallsu. Dan il-ftehim ma jirriflettix l-agir ta’ bniedem li ghandu hafna flus f’idejh u l-imputat ma ipprova jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn, il-Mundu, traffikant tad-droga, kellu jafdah li se jhallsu il-prezz ta’ €355 xi darba fil-futur skond il-kumdita ta’ l-imputat.

L-abbli difensur ta’ l-imputat jirreferi ukoll ghall-fatt li l-imputat inqabad mill-Pulizija fil-vettura tieghu waqt li kien sejjer lura d-dar, u mhux f’xi party jew f’xi post iehor frekwentat miz-zghazagh. Pero wiehed irid jiftakar li l-imputat kien ghadu kif akkwista ir-resina tal-cannabis ta’ piz ta’ 244 grammi ftit minuti qabel inqabad mill-pulizija u mir-ritratti ezebiti jirrizulta li r-rezina tal-cannabis kienet ghadha fil-borza tal-plastic orignali taghha. Mhux verosimili, li l-imputat kien se joqghod jigri barra b’dak il-kobor ta’ resina fuqu.

In oltre, kif tajjeb osservat il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali[13] fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Jason Mallia** deciza fit-2 ta’ Settembru 1999: *“Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta’ pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-*

[10] Ara fol. 10 tal- process verbal ta’ l-istqarrija guramentata ta’ l-imputat a fol. 32 tal-process.
[11] Ara fol. 98 tal-process.
[12] Ara fol. 19 tal- process verbal ta’ l-istqarrija guramentata ta’ l-imputat a fol. 32 tal-process.

[13] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

*cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklusiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Fid-dawl tas-suespost, dina l-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest fi process penali, li l-imputat instab fil-pussess ta' droga f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u ghalhekk huwa hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tant li ghamel stqarrija guramentata, ghalkemm kif diga gie relevat aktar il-fuq ma kienx vertier fiz-zmien li fih kien ilu jabbuza mill-cannabis. L-imputat ghandu fedina penali netta, u li f'dawn l-ahhar tlett snin ghamel tentattiv serju biex ibiddel hajtu, billi jattendi l-Caritas u ghandu impjieg stabbli.

In oltre fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011, l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, ghax l-imputat ser jixhed kontra terzi, pero ghadu ma xehedx peress li dawn il-proceduri kontrieh ghadhom mhux konkluzi.[14]

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artkoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament

[14] Ara fol. 105 tal-process.

ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €213.99.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------